2026/2607

24.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2026/2607

tat-23 ta' Novembru 2026

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

(1) Meta att ikun ser jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

(2) Dak il-perċentwal jiġi kkalkolat skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [1] (ir-"Regoli ta' Proċedura").

(3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprovdi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati fl-Anness III tagħhom, f'konformità mad-data disponibbli mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2027.

(5) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS III*

Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill.

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal indikattiv tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Il-Ġermanja	83 415 684	18,38
Franza	69 112 309	15,23
L-Italja	59 762 989	13,17

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/937/oj).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal indikattiv tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Spanja	49 596 376	10,93
Il-Polonja	37 289 701	8,22
Ir-Rumanija	19 041 322	4,20
In-Netherlands	18 277 969	4,03
Il-Belġju	11 955 308	2,63
Iċ-Ċekja	11 424 031	2,52
Il-Portugall	10 931 023	2,41
L-Iżvezja	10 586 000	2,33
Il-Greċja	10 366 586	2,28
L-Ungerija	9 488 428	2,09
L-Awstrija	9 197 500	2,03
Il-Bulgarija	6 423 207	1,42
Id-Danimarka	6 016 030	1,33
Il-Finlandja	5 632 881	1,24
Is-Slovakkja	5 511 056	1,21
L-Irlanda	5 441 257	1,20
Il-Kroazja	3 876 002	0,85
Il-Litwanja	2 887 592	0,64
Is-Slovenja	2 135 107	0,47
Il-Latvja	1 845 096	0,41
L-Estonja	1 360 745	0,30
Ċipru	997 361	0,22

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwal indikattiv tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Il-Lussemburgu	689 189	0,15
Malta	588 254	0,13
UE 27	453 849 003	
Livell limitu (65 %)	295 001 852”	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2027.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON